MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tad-19 ta' April, 2005

Numru 907/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Martin Sammut)**

**vs**

**PETER MUSCAT**

**Illum 19 ta' April, 2005**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Peter Muscat ta' 47 sena iben Salvu (mejjet) u Margaret nee' Blundell imwieled 4 ta' April 1956 Msida u joqghod 'Ave Maria', Triq Cappadocia, Qormi. Detentur tal-Karta ta' l-Identita 253656M gie akkuzat talli;

Nhar it-30 ta’ Awissu 2003 f’xi hin bejn l-ghaxra u nofs ta’ filghaxija (22.30hrs) u nofs il-lejl (24.00hrs), gewwa it-Telgha ta’ San Giljan, San Giljan u/jew fil-vicinanzi, volontarjament, hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe vettura bin-numru tar-registrazzjoni PRS073 tal-ghamla KIA, liema hsara jiskorri l-ghaxar Liri Maltin (Lm10) izda mhux aktar minn hamsin Lira Maltin (Lm50) u dan ghad-dannu ta’ Carmel k/a Charles Zammit, u dan kollu bi ksur ta’ Artikolu 325 ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok MS3 u nnutat li l-imputat m’ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum Dr Anthony Galea ghall-parte civile Carmel sive Charles Zammit iddikjara li l-parte civile qieghed jirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat.

Fid-dawl ta’ tali rinunzja, il-Qorti tiddikjara procediment esaurit stante rinunzja rigward l-akkuza dedotta kontra l-imputat Peter Muscat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------